**GUDIKATUR: DR AUDREY J DEMICOLI LL.D.**

**SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA, 23 TA' NOVEMBRU, 2001**

*Avviz. Nru 319/01 AJD*

Citadel Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Alpine Rent-A- Car Ltd. sija bil-polza u sija bil-ligi

vs

Raymond Farrugia

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-10 ta' Mejju, 2001, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u sebghin liri Maltin (Lm73.00) rappresentanti danni sofferti mis-socjeta' attrici fl-incident awtomobilistiku tal-14 ta' mejju, 1998, f'Regional Road Roundabout, Gzira, bejn it-Trailer numru IBA 312 misjuq mill-konvenut u l-vettura numru CAK 219 misjuqa minn Andrija Leljak u propjeta' tal-assikurat Alpine Rent-A-Car Ltd., prevja d-dikjarazzjoni, jekk hemm bzonn, li l-imsemmi incident gara b'tort unikament tal-konvenut minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.
Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Dicembru, 1999, u tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, u bl-imghax kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat, baqa' ma deherx u lanqas ma prezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' Andrija Lejlak u Manuel Micallef. Ha konjizzjoni

tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esibiti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlieta u sebghin liri Maltin (Lm73.00) bl-imghaxijiet legali pagabbli mit-28 ta' Dicembru, 1999, sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' dina l-istanza, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Dicembru, 1999, u dawk tal-ittra ufficjali prezentata kontestwalment mal-Avviz tat-Talba kontra s-socjeta' assikuratrici tal-konvenut, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut skond il-Ligi.

AV. AUDREY J. DEMICOLI
GUDIKATUR